



# KESE info

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
pont bejn l-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili  
Lulju 2017 | MT



**EDITORJAL**  
Għeżież qarreja,

## Il-Ġejjieni tal-Ewropa

Kif kien għe mwiegħed lill-President tal-Kummissjoni, il-Kumitat nieda l-ħidma tiegħu dwar il-ġejjieni tal-Ewropa u, biex għamel dan huwa impenja ruħu. Numru minna kienu responsabbli li jikkonsultaw fil-lokal is-soċjetà ċivili ta' pajjiżhom, mhux biss għax ikun tajjeb li l-Kumitat ikun informat aħjar dwar l-aspettattivi ta' kulħadd iżda wkoll għaliex il-Kumitat iddeċieda li jimplimenta dak li l-Kummissjoni xtaqet: ir-responsabbiltà tad-dibattitu miċ-ċittadini. Barra minn hekk, dan huwa l-essenza tal-funzjoni li t-Trattati jagħtu lill-Kumitat.

Il-mezzi tagħna huma modesti. M'għandniex biex norganizzaw dibattiti "deċentralizzati" dwar il-kwistjonijiet kollha li għandna quddiemna; dan għandu ċertu prezz, anke bl-għajjnuna tal-kumitati ekonomiċi u soċjali jew ta' istituzzjonijiet nazzjonali oħrajn jew bl-appoġġ fil-lokal tar-rappreżentanti tal-Istituzzjonijiet Ewropej u tal-organizzazzjonijiet il-kbar li l-membri tagħna jirrapreżentaw direttament. Iżda ta' min inkunu kuraġġużi, nimpennaw ruħna u ninvestu meta suppost u fejn hemm raġuni tajba għal dan.

Barra minn hekk, il-Kumitat kien ta' spiss talab lill-Istituzzjonijiet Ewropej li għandhom setgħa ta' deċiżjoni biex jaġixxu bl-istess mod u jirriskjaw jinvestu l-mezzi u l-fondi għaċ-ċittadini tagħna u għall-ekonomija tagħna. Dan mhuwiex biss moralment iġġustifikat iżda wkoll ekonomikament profittabbli.

Barra minn hekk, l-investiment huwa wkoll profitt politiku. Nemmen li morna wisq 'il bogħod fl-erożjoni pass pass tas-solidarjetà u tal-kostruzzjoni Ewropej u nittama li numru dejjem akbar ta' mexxejja attwali jew potenzjali, fil-pajjiżi tagħna, finalment jiffmu li t-tattika li tikkonsisti fil-fatt li wieħed jakkuża lill-Unjoni għal kollox ma trendix wisq. Lanqas għalihom infushom. L-interess tagħhom, li jinkludi l-interess elettorali tagħhom, huwa li jagħmlu bil-maqlub: ikunu jistgħu jiftaħru bis-suċċess tal-Unjoni li għalih ikunu taw kontribut kbir. Fil-verità, fost il-maġġoranza kbira taċ-ċittadini li ma jridux jippruvaw kwalunkwe avventura, tkun xi tkun, u anke fost dawk li l-populiżmu jattirahom, x'aktarx hemm proporzjon kbir ta' nies li jistgħu jiġu konvinti jingħaqdu fil-proġett Ewropew bil-kondizzjoni li nipprezentawulhom b'mod xieraq, li nħaddmuh kif suppost, u li ma jħossuhomx esklużi.

Inizjalment, il-Kumitat ser jagħmel sforz biex jibgħat lill-Kummissjoni messaġġ essenzjali dwar l-opinjoni tas-soċjetà ċivili organizzata b'tali mod li l-Kummissjoni tkun tista' tagħmel użu minnu meta nerġġu lura. Il-proċess mhux ser jiegħaf hemm, naturalment. Ma nistax nippreġudika l-kontenut ta' dan il-messaġġ, iżda nittama li b'xi mod jew ieħor, dan se jikkonferma r-rieda li jiġi mxekkel is-suċċess tad-diskors estremist u populist billi b'mod preċiż jerġa' jinbeda l-progress tal-Unjoni, fi spirtu ġdid u billi jerġa' jingħatalha l-għan veru tagħha: il-paċi, il-valuri tagħna u l-benesseri taċ-ċittadini tagħna.

Georges Dassis  
EESC President

## APPUNTAMENTI FID-DJARJU

**7 ta' Settembru, Brussell:**  
Djalogu Ewropew dwar  
l-Enerġija: Progress, Governanza  
u l-Parteċipazzjoni tas-Soċjetà Ċivili

**12-13 ta' Settembru, Talinn  
(Estonja):**  
Soluzzjonijiet intelliġenti għal  
soċjetà sostenibbli u inklużiva

**20-21 ta' Settembru, Brussell:**  
sessjoni plenarja tal-KESE

## F'DIN IL-ĦARĠA

**2** Ma ninsew li l-Unjoni tal-Enerġija kienet maħsuba biex tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u n-negożji

**3** Georges Dassis: "Id-deċiżjoni tal-President Trump tfisser li għandna bżonn parteċipazzjoni akbar min-naħa tas-soċjetà ċivili fit-tranżizzjoni tal-klima"

**4** Il-KESE jiċċelebra 30 sena ta' Erasmus

## L-Intelliġenza Artifiċjali: l-Ewropa teħtieġ li tiegħu approċċ ta' human-in-command

L-UE trid tadotta politiki sabiex tiżviluppa u tuża l-IA fl-Ewropa b'tali mod li tkun taħdem favur, pjuttost milli kontra, is-soċjetà u l-benesseri soċjali, qal il-KESE f'opinioni fuq inizjattiva proprja dwar l-impatt soċjetali tal-IA.

"Neħtieġu approċċ 'human-in-command' għall-IA, fejn il-magni jibqgħu magni u n-nies iżommu l-kontroll fuq dawk il-magni f'kull mument," qalet ir-relatur **Catelijne Muller** (NL - Grupp tal-Ħaddiema).

Is-suq tal-IA jammonta għal circa USD 664 miljun u huwa mistenni li jżidied għal USD 38,8 biljun fl-2025. Huwa sostanzjalment ikkontestat li l-IA jista' jkollha benefiċċji sinifikanti għas-soċjetà: tista' tintuża biex tagħmel il-biedja aktar sostenibbli u l-proċessi tal-produzzjoni aktar favur l-ambjent, ittejjeb is-sikurezza tat-trasport, ix-xogħol u s-sistema finanzjarja, jiġi pprovdut trattament mediku aħjar, eċċ.

Iżda l-benefiċċji jistgħu jintlaħqu biss jekk l-isfidi relatati mal-IA jiġu indirizzati wkoll. Il-KESE identifika 11-il qasam fejn l-IA tqajjem it-tħassib tas-soċjetà, li jvarja minn etika, sikurezza, trasparenza, privatezza u standards għal xogħol, edukazzjoni,



aċċess, regoli u regolamenti, governanza, demokrazija, gwerer u superintelligence.

Dawn l-isfidi ma jstgħux jitħallew f'idejn in-negożji biss: il-gvernijiet, l-imsieħba soċjali u x-xjentisti għandhom jiġu involuti wkoll. Il-KESE jemmen li wasal iż-żmien li l-UE tiegħu l-ewwel post fid-dinja f'dan il-qasam billi tiddefinixxi **n-normi u l-istandards Ewropej, kodiċi etiku Ewropew u strateġiji tax-xogħol** biex jinżammu jew jinħolqu l-impjegji.

L-opinjoni titlob ukoll li jkun hemm **infrastruttura Ewropea tal-IA** li tikkonsisti f'ambjenti ta' taħlim ta' sorsi miftuħa li jirrispettaw il-privatezza, l-ambjenti ta' ttestjar f'sitwazzjonijiet reali u settijiet ta' data ta' kwalità għolja għall-iżvilupp u t-taħriġ ta' sistemi tal-IA. Flimkien ma' ċertifikazzjoni jew tikketta ta' IA Ewropea, dan jista' jkollu l-benefiċċju addizzjonali li jagħti vantaġġ kompetittiv lill-UE.(dm) ●

## Il-KESE jhegħegħ lill-Kummissarju Navracsics jadotta Pjan ta' Azzjoni dwar id-diplomazija kulturali



Dibattitu tal-plenarja mal-Kummissarju Navracsics (fin-nofs) u r-relatur Luca Jahier (l-ewwel mil-lemin)

L-UE teħtieġ pjan konkret biex tippromovi l-kultura bħala element essenzjali f'soċjetajiet miftuħa u tolleranti. Il-KESE kellu dibattitu mal-Kummissarju Navracsics u vvota permezz tal-Opinjoni tiegħu

dwar l-istrateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali.

"Fi żmien meta l-estremiżmu qed jiżidied, meta ċ-ċittadini tagħna qegħdin jiddubitaw

iktar minn qatt qabel l-identità komuni tagħhom — issa huwa l-mument biex il-kultura u l-politiki kulturali jitqiegħdu b'mod sod fil-qalba tal-aġenda politika Ewropea" qal ir-relatur **Luca Jahier**, President tal-Grupp III. "L-UE għandha taħtaft il-momentum u toħloq strateġija u pjan ta' azzjoni konkreti għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali", filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-impetus li nħoloq bis-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018.

Filwaqt li jilqa' b'sodisfazzjoni il-Komunikazzjoni Konġunta reċenti, il-KESE hegħegħ ukoll lill-Kummissjoni u l-is-SEAE biex jirrikonossu l-kultura bħala pilastru tal-iżvilupp sostenibbli, jagħmlu użu mill-kultura fl-istrateġiji għall-bini tal-paċi u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti u jinkludu d-djalogu interreligiżu.

Il-Kummissarju Navracsics faħħar l-Opinjoni tal-KESE u qabel dwar l-importanza tal-partijiet interessati kollha, b'mod partikolari s-soċjetà ċivili, fl-implimentazzjoni tal-istrateġija. (mm/mq) ●





# Ma ninsewx li l-Unjoni tal-Enerġija kienet maħsuba biex tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u n-negozji



Ir-relaturi Alfred Gajdosik u Tellervo Kylä-Harukka-Ruonala

tistinka biex tesporta s-sistemi u l-prodotti tagħha ta' użu baxx ta' karbonju lejn il-bqija tad-dinja. Dan se jippermettilha niġġieldu kontra t-tibdil fil-klima mhux biss fl-Ewropa, iżda madwar id-dinja kollha."

Ir-regoli ġodda tal-UE biex jagħmlu **s-suq tal-elettriku fl-UE** kompatibbli mal-enerġija rinnovabbli kienu l-fokus ta' opinjoni oħra adottata fis-sessjoni plenarja ta' Mejju tal-KESE. Filwaqt li laqat l-pakkett b'sodisfazzjon, il-KESE saħaq li hemm bżonn isir aktar: "Il-KESE jappoġġja d-dritt tal-konsumaturi kollha - l-industrija, l-intrapriżi kummerċjali u l-unitajiet domestiċi privati - li jiġġeneraw, jaħżnu u jikkumerċjalizzaw l-enerġija huma stess. Il-komunitajiet lokali għandhom jingħataw ukoll id-dritt li jistabbilixxu, jiżviluppaw jew jikru networks lokali. Iżda hemm bżonn ta' regoli aktar speċifiċi sabiex ikun possibbli jasserixxu dawn id-drittijiet," qal ir-relatur **Alfred Gajdosik** (AT - Grupp ta' Interessi Varji).

Id-dekarbonizzazzjoni kienet ukoll ta' tħassib, flimkien mal-bżonn li fil-prezzijiet jiddaħħlu l-ispejjeż esterni tal-enerġija konvenzjonali, b'ħaq-tibdil fil-klima u l-ħsara lis-saħħa. L-enerġija rinnovabbli tkun fi żvantaġġ kompetittiv fin-nuqqas ta' "internalizzazzjoni" ta' dawn l-ispejjeż. Reġim tat-taxxa jgħin biex iqarreb l-investimenti lejn l-elettriku "ekoloġiku", qal ir-relatur.(dm)

Fl-evalwazzjoni tiegħu dwar **it-2 rapport annwali dwar il-progress lejn l-Unjoni tal-Enerġija**, il-KESE ħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex "tmur lura lejn l-orijġini": "Għandna niftakru għalfejn qed nagħmlu dan kollu. Qed nagħmlu dan għaċ-ċittadini, għan-negozji u għall-benefiċċju tas-soċjetà kollha kemm hi," qalet ir-relatur **Tellervo Kylä-Harukka-Ruonala** (FI - Grupp ta' Min Iħaddem). Il-monitoraġġ tal-progress għandu jiffoka fuq indikaturi prattiċi - il-prezzijiet tal-enerġija, iċ-ċifri tal-produzzjoni industrijali, l-impjegji maħluqa, it-tnaqqis fl-emissjonijiet, qal il-KESE.

Barra minn hekk, il-KESE ħeġġeġ lill-KE biex tiegħu miżuri biex issaħħaħ il-carbon handprint tal-UE - indikatur li jirreferi għat-total tal-impatti pożittivi mill-azzjoni dwar l-ambjent. L-emissjonijiet tal-UE huma mistennija jonqsu għal madwar 5% tal-emissjonijiet globali fid-deċennju li ġej. "Għalhekk, xorta se jifdal il-kumpliment, 95%," qalet ir-relatur. "L-Ewropa għandha

## Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li twessa' d-Direttiva dwar il-Karċinoġeni

Tintlaqa' l-introduzzjoni ta' limiti ġodda ta' espożizzjoni biex jiġi prevenut il-kanċer relatat max-xogħol, iżda jistgħu jiġu estenzi għas-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni u l-formaldeid



© Shutterstock

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkunsidra li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tagħha dwar il-Karċinoġeni u l-Mutaġeni għal sustanzi li huma tossiċi għar-riproduzzjoni, wara li twettaq valutazzjoni tal-impatt għal dan l-għan, argumenta l-KESE fl-Opinjoni tiegħu "Protezzjoni tal-ħaddiema kontra l-karċinoġeni jew il-mutaġeni fuq il-post tax-xogħol".

L-Opinjoni eżaminat it-tieni proposta tal-Kummissjoni għal revizzjoni tad-Direttiva tagħha dwar il-Karċinoġeni

u l-Mutaġeni, li introduċiet il-valuri limitu tal-espożizzjoni okkupazzjonali vinkolanti għal ħames sustanzi kkunsidrati li huma karċinoġeni. L-ewwel proposta għal 13-il valur limitu tal-espożizzjoni okkupazzjonali vinkolanti saret f'Mejju 2016 u aġġornament ieħor huwa mistenni fl-2018.

Il-KESE talab lill-Kummissjoni biex tagħti aktar attenzjoni lill-esponenti karċinoġeni li primarjament jolqtu lin-nisa impjegati bħala, pereżempju, parrukkiera, ħassia jew ħaddiema fis-settur tas-saħħa. Huwa rakkomanda wkoll li jiġi adottat valur limitu tal-espożizzjoni okkupazzjonali vinkolanti għall-formaldeid.

Il-KESE talab li tittejjeb il-metodoloġija komuni użata biex jiġu ddeterminati l-valuri limitu tal-espożizzjoni okkupazzjonali vinkolanti, minħabba standards differenti bejn l-Istati Membri. Xi pajjiżi ddefinixxu l-valuri limitu tal-espożizzjoni okkupazzjonali vinkolanti għal aktar minn mitt sustanza differenti, oħrajn għal inqas minn għaxra.

Il-kanċer relatat max-xogħol joqtol iktar minn 100,000 ruħ kull sena fl-UE.(ll)

## Il-President tal-PE, Tajani, u l-President tal-KESE, Dassis, jikkommettu ruħhom li jtejbu l-kooperazzjoni, biex jgħinu lin-nies jergħu jrawmu l-fiduċja fl-Ewropa



Il-President tal-PE Antonio Tajani mal-President tal-KESE Georges Dassis

"It-tliet sfidi ewlenin li jeħtieġ li naħdmu flimkien fuqhom huma l-qgħad (speċjalment il-qgħad fost iż-żgħażaġh), il-migrazzjoni u t-terroriżmu," qal is-Sur Tajani.

Il-President tal-KESE, **Georges Dassis**, qal li kull azzjoni u sforz tal-Kumitat jagħmluha ċara li l-KESE huwa għad-demokrazija Ewropea u kien "tassex impenjat li jara li jissarrar fir-realtà is-slogan 'għal Ewropa unita, demokratika, imsejsa fuq is-solidarjetà, paċifika u prospera kif ukoll qrib taċ-ċittadini tagħha'".

Is-Sur Tajani u s-Sur Dassis wiegħdu li jtejbu d-djalogu bejn il-PE u l-KESE, kemm formalment kif ukoll informalment, u li jorganizzaw skambji regolari, jiddiskutu ideat, jimpenjaw ruħhom, u jsaħħu l-kooperazzjoni sabiex jiżguraw rispons b'saħħtu għal dak li qed jiġri fuq il-post. Dan għandu jtejjeb l-effikaċja tal-politiki tal-UE, b'impatt ċar fuq il-ħajja taċ-ċittadini ordinarji.(mr)

Il-President tal-PE Antonio Tajani ħa sehem fis-sessjoni plenarja tal-KESE, nhar il-Ħamis 1 ta' Ġunju, għal diskussjoni dwar il-prijoritajiet tal-PE u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet.

## "Jeħtieġ li jkun hemm intensifikazzjoni radikali fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-difiża"

Huwa essenzjali għall-UE li tkompli fit-triq tad-diplomazija preventiva u multilaterali, iżda fl-istess ħin, jeħtieġ li l-Ewropa ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta' difiża militari tagħha biex tiggarrantixxi l-libertà u l-paċi, jgħid il-KESE.

Fl-Opinjoni tiegħu dwar *Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża* adottata f'Mejju, il-KESE jappoġġja l-Unjoni Ewropea tad-Difiża u jitlob kooperazzjoni Ewropea mill-qrib fil-qasam tad-difiża.

"In-NATO għadha l-bażi tad-difiża kollettiva Ewropea. Iżda l-UE għandha wkoll tassumi aktar responsabbiltà għas-sigurtà tal-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha. Għandna bżonn kooperazzjoni iktar mill-qrib bejn l-Istati Membri, li l-aħjar li tista' tinkiseb huwa fi ħdan Unjoni Ewropea tad-Difiża," qal ir-relatur **Christian Moos**. Bħala

l-ewwel pass, il-KESE jappella biex jiġu stabbiliti għanijiet strateġiċi komuni u jilqa' b'sodisfazzjon il-kumitat ta' koordinazzjoni ppjanat.

"Dan is-suq frammentat tad-difiża jikkontradixxi t-tisħiħ tas-sigurtà tal-UE", qal il-korelatur **Jan Pie**. Il-frammentazzjoni twassal għall-allokazzjoni ineffiċjenti tar-riżorsi, id-duplikazzjoni fil-mandat, in-nuqqas ta' interoperabilità u lakuni teknoloġiċi.

Madankollu, il-KESE jagħti parir kontra l-użu tal-fondi attwali ta' investiment biex tiġi ffinanzjata l-industrija tad-difiża u jappoġġja l-proposta tal-KE għall-ħolqien ta' Fond Ewropew għad-Difiża ristrett għar-riċerka marbuta mad-difiża u l-iżvilupp u l-akkwist ta' kapaċitajiet militari.(sma)



## Il-KESE jniedi l-Premju tas-Soċjetà Ċivili 2017

Se jingħataw EUR 50,000 għal "Innovazzjoni soċjali biex jiġu promossi impjegji ta' kwalità u l-intraprenditorija"

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) nieda l-Premju tas-Soċjetà Ċivili 2017, b'valur ta' EUR 50,000. Din is-sena, il-premijiet se jingħataw għal proġetti innovattivi li għandhom l-għan li jgħinu lill-parteċipanti ġodda, u persuni oħra li jeħtieġu appoġġ speċifiku biex jidhru fis-suq tax-xogħol.

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu sa mhux aktar tard mit-8 ta' Settembru 2017. Ir-rebbieħa jirċievu l-premju tagħhom fis-7 ta' Diċembru 2017.

Il-Premju tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE, issa fid-disa' sena tiegħu, jipprema inizzjattivi ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u/jew individwi li kkontribwixxew b'mod sinifikanti għall-promozzjoni tal-identità u l-integrazzjoni Ewropea.

Il-ħolqien tax-xogħol, l-impjegji u l-kwalità tax-xogħol għall-gruppi soċjali kollha kienu enfazzzati b'mod kostanti fl-attivitajiet tal-KESE (ara pereżempju <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.social-affairs>).

Aktar dettalji dwar il-Premju tas-Soċjetà Ċivili u l-formola tal-applikazzjoni, huma disponibbli onlajn fuq [www.eesc.europa.eu/civilsocietyprize](http://www.eesc.europa.eu/civilsocietyprize) (ac)

## PAK aktar b'saħħitha, u mfassla mill-ġdid biex taqdi aħjar lill-bdiewa u lill-ambjent

Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija politika fundamentali tal-UE u kwalunkwe tibdil fiha għandu jipprovi appoġġ qawwi għall-mudell Ewropew tal-agrikultura u l-biedja mill-familji. Il-KESE għamel proposta speċifiċi fl-Opinjoni tiegħu dwar *Tfassil mill-ġdid possibbli tal-PAK*.

Il-KESE huwa ferm favur li jinżamm il-mudell ta' żewġ pilastru tal-PAK. Fi kliem ir-relatur **John Bryan**: "Il-pagamenti diretti huma appoġġ essenzjali għad-dħul

tal-bdiewa, u jaqdu rwol fundamentali fl-iffinanzjar tal-miżuri għall-ġestjoni tas-swieq u l-forniment tal-beni pubbliċi... Il-pagamenti għall-iżvilupp rurali huma kritikament importanti u għandhom jiffukaw fuq programmi ekonomiċi, ambjentali u soċjali bbażati fuq l-għanijiet tad-dikjarazzjoni Cork 2.0 li jiġu appoġġjati r-reġjuni u s-setturi vulnerabbli". Il-PAK tal-futur għandha tirrispetta wkoll l-impjenji internazzjonali tal-Ewropa fir-rigward tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u l-COP 21.

Fost il-punti ewlenin tal-Opinjoni nsibu wkoll:

- L-indirizzar tal-isfidi kritiċi tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, u l-ħarsien ambjentali u tal-bijodiversità;
- L-iżgurar li l-baġit għal wara l-2020 jindirizza l-ħtiġijiet finanzjarji fid-dawl tal-Brexit, il-persjoni fuq id-dħul tal-azjendi agrikoli u ż-żieda fid-domanda għall-beni pubbliċi;

- il-ħolqien ta' programmi mmirati b'saħħithom biex iħeġġu l-impjeg tal-bdiewa żgħażaġh u n-nisa;
- is-semplifikazzjoni permezz ta' użu akbar tat-teknoloġija u t-tnaqqis fl-użu tal-approċċ ta' verifika/spezzjoni, l-estensjoni tas-sistema tal-karta safra, eċċ.
- il-manutenzjoni u l-protezzjoni tal-istandards tal-UE dwar it-traċċabilità, is-sikurezza tal-ikel, u l-kontrolli ta' saħħet l-annimali u l-pjanti.(sma)



# Id-deċizzjoni tal-President Trump tfisser li għandna bżonn parteċipazzjoni akbar min-naħa tas-soċjetà ċivili fit-tranżizzjoni tal-klima

**Stqarrija tal-President tal-KESE  
Georges Dassis**

Id-deċizzjoni tal-President tal-Istati Uniti Donald Trump li jirtira mill-Ftehim ta' Pariġi dwar il-klima hija disastruża u tibgħat messaġġ żbaljat lid-dinja kollha. Din id-deċizzjoni tagħmel għib lill-istorja, u huma l-Istati Uniti u ċ-ċittadini tagħha li se jbatu l-aktar. It-tranżizzjoni għal dinja b'livell baxx ta' karbonju qed

isseħħ kullimkien: fil-bliet u fil-kampanja, fl-industrija, u fi ħdan organizzazzjonijiet pubbliċi u privati. Din ix-xejra qabdet ir-ritmu, u d-deċizzjoni tal-Istati Uniti mhux se twaqqafa.

Il-KESE ilu ħafna snin jinkoraġġixxi l-inizjattivi tas-soċjetà ċivili li jinvolvu gruppi fil-livell taċ-ċittadini, l-SMEs, il-ħaddiema u assoċjazzjonijiet varji oħra. Dawn l-inizjattivi, li ta' spiss ikunu volontarji,

għandhom jiġu appoġġjati sabiex ikunu jistgħu jagħmlu kontribut akbar sostanzjali u estensiv fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-KESE huwa ddeterninat li jadotta dawn l-inizjattivi mibdija fil-livell lokali u reġionali sabiex jifhem aħjar x'inhu meħtieġ biex jiġu implimentati fil-prattika miżuri sostenibbli u effettivi. Il-Kumitat nqas ma' numru ta' partijiet interessati li jaħsbuha l-istess, bħall-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, l-OECD u Comité 21 (network Françiz ta'

partijiet interessati fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli). Fil-Konferenza li jmiss tal-Partijiet (COP 23), li ser issir f'Novembru f'Bonn, dawn il-partijiet interessati qed jipplanaw li jressqu proposti speċifiċi biex jissaħħaħ ir-rwol tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi. L-irtirar tas-Sur Trump mill-ftehim għamilha aktar importanti li s-soċjetà ċivili taqdi rwol b'saħħtu. Iċ-ċittadini tad-dinja jeħtieġ li jieħdu d-des-tin tagħhom f'idejhom u jagħmlu ħilithom permezz tal-attivitajiet tagħhom ta' kuljum biex iħabirku għal ġejjieni sostenibbli.

F'dan il-kuntest ġdid, it-tmexxija Ewropea dwar il-klima hija saħansitra iktar essenzjali minn qatt qabel u jeħtieġ li tiġi intensifikata f'taħditiet multilaterali dwar il-klima, inkluża l-laqgħa kruċjali tal-COP 23. ●

## Il-Presidenza Estonjana tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea: Ewropa magħquda u deċiżiva

Fit-tieni nofs tal-2017, l-Estonja ser tiegħu f'idejha l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għall-ewwel darba. Fil-waqt li l-Ewropa qed tiffaċċja sfidi interni u esterni kumplessi, inklużi l-bidu tan-negozjati dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, il-migrazzjoni u t-tkabbir ekonomiku staġnat, l-għan globali tal-Presidenza Estonjana huwa li jiġi żgurati li l-UE tibqa' magħquda u deċiżiva.


L-erba' prijoritajiet tal-Presidenza Estonjana huma:

- ekonomija Ewropea miftuħa u innovattiva,
- Ewropa sikura u bla perikli,
- Ewropa diġitali u l-fluss liberu tad-data,
- Ewropa inklużiva u sostenibbli.

Bħala detentur tal-Presidenza, l-Estonja temmen ukoll li huwa importanti li tisma' l-fehmiet tal-gruppi rilevanti ta' interess bħala parti mill-ħidma tal-Unjoni Ewropea, u li ssib bilanċ bejn il-fehmiet, it-tradizzjonijiet u l-interessi differenti fi ħdan l-Ewropa. Kull inizjattiva għandha tkun imfassla biex tiffaċilita l-ħajja tan-negozji u ċ-ċittadini, u biex tnaqqas il-burokrazija, waqt li jintużaw l-akbar ammont ta' soluzzjonijiet elettroniċi.

B'kunsiderazzjoni tal-importanza ta' dawn il-prijoritajiet, il-Presidenza Estonjana talbet lill-KESE biex joħroġ opinjonijiet esploratorji dwar is-suġġetti li ġejjin:

- Provista u żvilupp tal-ħiliet, inklużi l-ħiliet diġitali, fil-kuntest tal-forom ġodda ta' xogħol: politiki ġodda u evoluzzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet
- Ir-rwol u l-perspettivi tal-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili fil-kuntest ta' forum ġodda ta' xogħol.
- Użu tal-art għall-produzzjoni tal-ikel sostenibbli u s-servizzi tal-ekosistema
- Tassazzjoni tal-ekonomija kollaborattiva (mra) ●



Filmkien mal-Presidenza Estonjana, il-KESE ser jospita wirja ta' xogħol mill-fotografi Aivar Pihelgas, Jaanus Ree, Ilmārs Znotiņš, Jelena Rudi, Sven Začek u Rene Mitt b'xeni minn wieħed mill-akbar avvenimenti tad-dilettanti tal-korijiet fid-dinja, li jinvolvi eluf ta' kantanti u żeffiena, lebsin kostum nazjonali kkulurit.

Il-wirja se tkun miftuħa matul is-sessjoni plenarja ta' Lulju (5 ta' Lulju 2017) u wieħed jista' jżurha sal-31 ta' Lulju fil-Foyer 6 tal-bini JDE.(jp) ●

## Avvenimenti ewlenin tal-KESE b'rabta mal-Presidenza Estonjana

- **5 ta' Lulju 2017:** L-inawgurazzjoni tal-wirja fotografika *Estonian Colours* minn Aivar Pihelgas (Brussell)
- **6 ta' Lulju 2017:** Preżentazzjoni tal-prijoritajiet tal-Presidenza Estonjana fl-UE minn Matti Maasilaks, Viċi Ministru għall-Affarijiet tal-UE, matul is-sessjoni plenarja tal-KESE (Brussell)
- **12 ta' Settembru 2017:** Laqgħa straordinarja tal-Grupp tal-Interessi Varji tal-KESE (Tallinn)
- **13-14 ta' Settembru 2017:** Konferenza ta' livell għoli *Future of Work: Making it e-Easy* (Tallinn)
- **6 ta' Ottobru 2017:** Laqgħa straordinarja tal-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE (Tallinn)
- **24-25 ta' Ottobru 2017:** Konferenza "Manufuture" u s-seminar tal-Grupp ta' Min l-ħaddem tal-KESE dwar il-vantaġġi tas-soċjetà diġitali (Tallinn)
- **7 ta' Novembru 2017:** L-inawgurazzjoni tal-wirja fotografika dwar in-natura Estonjana minn Remo Savisaar (Brussell)
- **9-10 ta' Novembru 2017:** Konferenza dwar it-trasport diġitali (Tallinn)
- **6 ta' Diċembru 2017:** Serata kulturali Estonjana (Brussell) (mra)

## AKP-UE: it-28 laqgħa tal-Gruppi ta' Interess Ekonomiku u Soċjali

**Id-delegati jiddiskutu t-tagħlimiet meħuda mill-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika u jappellaw għal kontribut akbar min-naħa tal-atturi ekonomiċi u soċjali fil-politiki ta' żvilupp ta' wara Cotonou**

Il-KESE kellu t-28 laqgħa ta' kull tliet snin tal-Gruppi ta' Interess Ekonomiku u Soċjali mill-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u l-pajjiżi tal-UE fi Brussell, f'Mejju. Ġew indirizzati ħames suġġetti prinċipali

f'dikjarazzjoni li ġiet adottata b'mod konġunt: ir-relazzjonijiet kummerċjali; il-kunsens Ewropew il-ġdid dwar l-iżvilupp; il-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-telf u l-iskart tal-ikel; l-industrijalizzazzjoni bħala xprun tal-iżvilupp; u l-ġejjieni tar-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi AKP.

Fid-diskors tiegħu matul il-ftuħ tad-dibattitu, Yves Somville, President tal-Kumitat ta' Segwitu AKP-UE tal-KESE, spjega li l-laqgħa kellha tiffoka fuq: "li ikoll

inħabirku favur il-kisba ta' sħubija futura moderna, ekwa u ġenwina mal-pajjiżi AKP". Georges Dassis, President tal-KESE żied jgħid li: "Jeħtieġ li nibnu relazzjoni b'saħħitha bejn l-UE u l-pajjiżi AKP li taġevola lil kulħadd. Aħna se nħabirku qatigħ għal qafas li jiżgura l-parteċipazzjoni tal-atturi mhux statali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili".(mm) ●

## Kif il-KESE kkontribwixxa biex tinbidel id-dehra tal-konsultazzjonijiet tal-KE mal-partijiet

Bernd Dittmann (DE – Grupp ta' Min l-ħaddem), ir-relatur dwar Regolamentazzjoni Aħjar, jitħaddet mal-KESE Info dwar l-esperjenza tiegħu bħala r-rappreżentant tal-KESE fuq il-Pjattaforma Refit tal-Kummissjoni Ewropea

**KESE Info: Sur Dittmann, liema għan taqdi l-Pjattaforma REFIT?**

Il-Pjattaforma tħabbret fl-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar 2015 tal-Kummissjoni u x-xogħol tagħha beda f'Janar 2016. Din tlaqqa' flimkien rappreżentanti mill-Istati Membri u l-partijiet interessati sabiex jevalwaw il-proposti għal semplifikazzjoni regolatorja li saru permezz tas-sit "Lighten the Load". Il-mandat tiegħi huwa flimkien ma' Denis Meynert (Grupp tal-Ħaddiema) u Lannoo (Grupp ta' Interessi Varji), li ikoll nirrappreżentaw l-interessi tal-KESE. L-opinjonijiet tal-Pjattaforma jiġu ppreżentati direttament lill-Ewwel Viċi President Frans Timmermans u jikkontribwixxu għall-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni. (CWP)

**Fuq liema prijoritajiet iffukajt matul il-mandat tiegħek?**



Il-membri tal-KESE Bernd Dittmann


Il-prijoritajiet ġew stabbiliti abbażi tal-kontribut tas-sezzjonijiet u kienu jiffukaw fuq għadd ta' proposti ta' semplifikazzjoni (fost l-oħrajn) dwar ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini, id-Direttiva dwar il-Flasijiet Tard, u dwar mekkaniżmi ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati. Ta' min jinnota b'mod partikolari dan l-aħħar eżempju: filwaqt li bbażaw fuq l-opinjoni tal-KESE tal-2015 dwar il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati minn Ronny Lannoo, ir-rappreżentanti tal-Unions, il-konsumaturi u l-industrija bejniethom abbozzaw rakkomandazzjonijiet li ġew adottati b'mod unanimu mill-partijiet interessati kollha u bl-appoġġ sħiħ tal-Viċi President Timmermans. Din l-opinjoni ser iġġiegħel

lill-Kummissjoni biex tanalizza mill-ġdid il-mod kif tmexxi l-konsultazzjonijiet pubbliċi – kwistjoni li ilha għal żmien soġġetta għal dibattitu pubbliku.

**X' i n h u m a l-konklużjonijiet tiegħek dwar il-pjattaforma, wara li jtemm il-mandat tiegħek?**

Naħseb li l-parteċipazzjoni tagħna fil-Pjattaforma hija eżempju tal-aħjar Prattika f'termini ta' kollaborazzjoni b'suċċess bejn it-tliet Gruppi fil-Kumitat. Barra minn hekk, din issaħħaħ il-pożizzjoni tagħna fir-rigward tal-Istati Membri u toffri opportunità reali biex nikkontribwixxu għal aktar leġiżlazzjoni effiċjenti. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, tagħtina l-opportunità biex ngħinu fit-fassil tal-aġendi ta' politika tal-UE billi nikkontribwixxu għall-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni. Dan ifisser li l-Pjattaforma għandha valur miżjud pjuttost sostanzjali għall-KESE – u viċi versa. ●

## Jane Morrice tissuġġerixxi ċittadinanza onorarja tal-UE għall-Irlanda ta' Fuq



Il-membri tal-KESE Jane Morrice ssuġġeriet li l-Irlanda ta' Fuq għandha ssir membru onorarju tal-UE filwaqt li tibqa' parti mir-Renju Unit. Il-proposta saret bi tweġiba għall-appell tal-Kaprijiet tal-Istati u tal-Gvernijiet tal-UE għal "soluzzjonijiet flessibbli u immaġinattivi" għaċ-ċirkostanzi uniċi tal-Irlanda ta' Fuq fin-negozjati tal-Brexit li jmiss.

Sħubija onorarja tal-UE tkun tippoteġi l-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq u tipprevjeni frontiera fiżika mar-Repubblika tal-Irlanda, dejjem skont il-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira, kitbet Jane Morrice f'artiklu li ġie ppubblikat reċentement minn Euronews. Dan jista' wkoll "jippromwovi l-paċi fid-dinja kollha billi l-Irlanda ta' Fuq issir il-pjattaforma ta' inizjattiva ġdida, immexxija mill-UE għall-bini tal-paċi dinjija", skont is-Sinjura Morrice, li fl-2008 kienet relatur għal Opinjoni tal-KESE dwar "Ir-rwol tal-UE fil-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq. Għal aktar informazzjoni dwar il-proposta ara: <http://bit.ly/2rdmlvn> (dm) ●



## Il-ħin qiegħed jagħfas għall-Ewropa

### mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

L-opinjoni li l-KESE qed iħejji bħala reazzjoni għall-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-ġejjieni tal-Ewropa hija ta' sinifikat partikolari għall-Grupp tal-Ħaddiema. Il-membri ta' dan il-grupp jixtiequ jibagħtu messaġġ ċar li l-Ewropa trid tinbidel, u li ma tistax tittollera l-inugwaljanza aktar.

Biex tagħmel dan, l-Ewropa teħtieġ li tirkupra dak is-sens ta' impenn komuni li ggwida lill-missierijiet fundaturi, jekk il-valuri u l-kisbiet tagħha se jiġu kkonserwati u biex ikollha futur.

Huwa għalhekk li l-KESE qiegħed jitolb għal integrazzjoni aktar profonda u aktar koeżiva f'ħafna oqsma, li jvarjaw mill-politika tal-enerġija u l-klima, is-Suq Uniku Diġitali u l-governanza tal-UE sa politika industrijali komuni. Madankollu, il-ħaddiema jeħtieġu l-promozzjoni immedjata ta' konverġenza soċjali 'l fuq, f'termini ta' impjegji u riżultati soċjali, aktar impjegji u ta' kwalità aħjar u pagi ġusti.

B'dan f'moħħna, il-Grupp tal-Ħaddiema jenfasizza l-importanza tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, qasam fejn il-ħolqien tas-Suq Uniku u l-munita komuni stabli lixxew aspettattivi li għadhom ma



seħħew. Għal din ir-raġuni, jappoġġja bil-qawwa l-introduzzjoni ta' **Pilastru Soċjali**, li jżid dimensjoni soċjali qawwija għas-Suq Uniku u jiżgura li l-benefiċċji mill-irkupru ekonomiku li għaddej iservu lis-soċjetà kollha, inklużi l-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli.(mg)

## L-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli: fruntiera ġdida għad-drittijiet u l-progress fl-UE

Il-konklużjonijiet tal-konferenza organizzata mill-Grupp ta' Interessi Varji fi Brussell, 22-23 ta' Mejju 2017

### mill-Grupp ta' Interessi Varji tal-KESE

Tletin sena wara d-definizzjoni tal-kunċett tal-iżvilupp sostenibbli, il-futur komuni tagħna huwa mhedded sew. Fi żmien meta l-oħrajn qed jagħtu daharhom lill-impjenji tagħhom, huwa essenzjali li l-UE **żżomm il-momentum**, filwaqt li taċċellera u tinvesti **fil-bidla u tilqagħha**. Issa wasal iż-żmien għal impenn fit-tul, biex issir it-tranżizzjoni lejn soċjetà inklużiva, ewka, reżiljenti, b'livell baxx ta' karbonju, ċirkolari u kollaborattiva. Issa huwa ż-żmien għal **tmexxija politika**, biex jerġgħu jiġu kkunsidrati l-mudelli ta' tkabbir tagħna u jitejjeb il-benesseri. Dan sabiex il-prospertà ekonomika tiġi bbilanċjata mal-innovazzjoni, l-inklużjoni soċjali, il-**parteċipazzjoni demokratika** u s-sostenibbiltà ambjentali, kollha fi ħdan il-fruntieri globali tagħna. Għandu jkollna l-konvinzjoni u l-kuraġġ niddefendu id-dimensjonijiet universali,



Luca Jahier, il-President tal-Grupp ta' Interessi Varji

individwibbli u li jsaħħu lil xulxin tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp Sostenibbli.

Għalhekk huwa kruċjali li **nibnu fuq il-valuri Ewropej tagħna** u nissalvagwardjaw l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali. Madankollu, nistgħu biss infasslu u **nnettqu din id-dinja** l-ġdida billi naħdmu b'mod trasparenti u fi sħubija mal-akbar numru possibbli ta' atturi soċjali u ekonomiċi minn firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Hija **s-soċjetà**

**ċivili** li ser **tixpruna l-bidla, b'inizjattivi minn isfel għal fuq** li jirrispettaw il-fehmiet u d-drittijiet tan-nies lokali. Barra minn hekk, nistgħu biss nidħlu f'din id-dinja l-ġdida billi nagħmlu l-iżvilupp sostenibbli finanzjarjament aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha, billi nittrasformaw il-perċezzjonijiet, l-attitudnijiet, niżviluppaw narrattiva ġdida attraenti u, fl-aħħar mill-aħħar, billi noħolqu kultura ta' sostenibbiltà fost l-Ewropej. Din ser tkun il-bażi biex **nispiraw tama ġdida** kif ukoll **fiduċja** f'dawn is-sistemi demokratiċi tagħna. L-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp Sostenibbli ser issir il-**Kuntratt Soċjali Ewropew tagħna tas-seklu 21**.

Aqra r-rakkomandazzjonijiet finali hawnhekk (hyperlink):

<http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.events-and-activities-agenda-2030-recommendations> (cl)

## L-impjegaturi jitolbu miżuri speċifiċi biex jiffaċilitaw l-investment privat mill-Grupp ta' Min Iħaddem

### mill-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE

It-neħħija tal-ostakli għall-investment u t-titjib fil-promozzjoni tal-investment privat huma l-miżuri li l-impjegaturi jaħsbu li huma kruċjali biex jiġi stimulat l-investment fis-settur privat fl-Ewropa. F'dikjarazzjoni konġunta, l-organizzazzjonijiet Maltin ewlenin kollha ta' min iħaddem, flimkien mal-Gvern ta' Malta u l-Grupp ta' Min Iħaddem fi ħdan il-KESE, stipulaw l-aktar kwistjonijiet urġenti għal dawk li jfasslu l-politika f'dak li jirrigwarda l-iffaċilitar tal-investment.

Il-politiki nazzjonali u tal-UE għandhom jipprovdu stabbiltà u jagħmluha aktar

faċli li jsir in-negozju. Is-suq uniku huwa element importanti sabiex jiġi attirat l-investment, iżda jinħtieġu aktar flessibilità u pragmatiżmu. Skont id-dikjarazzjoni, jinħtieġu aktar investment privat u pubbliku f'oqsma bħat-teknoloġija u l-innovazzjoni.

*"In-negozji jeħtieġu l-libertà li joperaw, u qegħdin nitolbu għal stabbiltà legali, regolatorja u politika li tattira l-investment fit-tul,"* qal Jacek P. Krawczyk, President tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE. *"L-ekonomiji tagħna huma għatxana li jkollhom spazju biżżejjed. Għandna bżonn li nilliberaw u nilliberalizzaw l-istrategġiji ta' investment tagħna"*, żied jgħid Joseph Muscat, Prim Ministru ta' Malta.



Il-Prim Ministru ta' Malta, Joseph Muscat, u s-Sur Krawczyk, President tal-Grupp ta' Min Iħaddem, eżatt wara ċ-ċerimonja ta' ffirmar

Id-dikjarazzjoni ġiet iffirmita matul il-konferenza bit-titolu **"L-UE tneħġeġ l-investment privat?"**, li saret fil-11 ta' Mejju 2017 matul il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-konferenza kienet organizzata b'mod konġunt mill-Grupp ta' Min Iħaddem u l-organizzazzjonijiet Maltin kollha ta' min iħaddem.(lj)

### Editur:

Füssl Karin (Editur kap)  
Daniela Marangoni (dm)

### Il-kontributuri għal din l-edizzjoni huma:

Anna Comi (ac)  
Chloé Lahousse (cl)  
Daniela Marangoni (dm)  
Jonna Pedersen (jp)  
Katerina Serifi (ks)  
Laura Lui (ll)  
Leszek Jarosz (lj)  
Margarita Gavanis (mg)  
Margarida Reis (mre)  
Milen Minchev (mm)  
Mireia Quingles (mq)

Monika Raide (mra)  
Silvia M. Aumair (sma)

### Koordinazzjoni

Daniela Marangoni (dm)  
Katerina Serifi (ks)

### Din l-edizzjoni ngħalqet fid- 9 ta' Ġunju 2017

### Indirizz:

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040  
Brussell, il-Belġju  
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86  
Faks (+32 2) 546 97 64  
Indirizz elettroniku: [eescinfo@eesc.europa.eu](mailto:eescinfo@eesc.europa.eu)  
Internet: <http://www.eesc.europa.eu/>

## FIL-QOSOR

### Il-KESE jiċċelebra 30 sena ta' Erasmus — Stadju importanti għall-identità Ewropea

Mill-1987 'il hawn, il-programm ta' skambju Erasmus kellu impatt kbir fuq il-ħajja ta' aktar minn 9 miljun Ewropew. Ix-xahar li għadda, il-KESE u l-Università Libre de Bruxelles organizzaw avveniment biex jiċċelebraw it-30 anniversarju tal-programm u adottaw opinjoni dwar il-valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Erasmus+.

Filwaqt li l-Erasmus ġie rikonnoxxut bħala ġrajja importanti fil-ħolqien tal-identità

Ewropea, kemm is-soċjetà ċivili kif ukoll l-istudenti talbu għal aktar finanzjament u opportunitajiet għal dawk żvantaġġjati u enfasizzaw il-ħtieġa li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-governanza tal-programm kif ukoll fil-kooperazzjoni transsettorjali.

*"L-Erasmus huwa kisba fantastika Ewropea li huwa ta' benefiċċju għaż-żgħira. Għandu jiġi estiż għall-istudenti tal-iskola sekondarja u għall-ħaddiema, b'mod partikolari apprendisti żgħirażgħira"*, qal il-President tal-KESE, **Georges Dassis**.(mg)

### Il-Viċi President tal-KESE Gonçalo Lobo Xavier fil-Eurovision tal-Istartups

Fis-7 ta' Ġunju, il-Viċi President tal-KESE **Gonçalo Lobo Xavier** ħa sehem fiċ-ċerimonja **StartUp Europe Awards** li saret fil-Parlament Ewropew, fejn qasam tnejn mill-għaxar premijijiet offruti. L-inizjattiva, li tlaqqmet "il-Eurovision tal-istartups", irriconnoxxet l-għaxar startups eċċellenti madwar l-Ewropa fl-2016, fil-kategoriji: Kreattiva, Enerġija, Teknoloġija finanzjarja (FinTech), Ekoloġika, Saħħa, ICTs, Bliet Intelliġenti, Soċjali, Turiżmu u Ilma. Iċ-ċerimonja kienet ospitata mill-President tal-PE, Antonio Tajani, li appoġġja b'mod qawwi din l-inizjattiva, filwaqt li l-Kummissarju għar-Riċerka u l-Iżvilupp, Carlos Moedas, indirizza lir-rebbieħa u qasam il-premijiet. Il-premijiet ġew ippreżentati lil Robocamp (PL), Tespack (FI), INZMO

(ET), Windcity (IT), NeuronGuard (IT), Vyz-Voice (LU), CityCrop (EL), TempBuddy (IE), Waynabox (ES) u APSU (ES).

Il-premju, li jinsab fl-ewwel sena tiegħu, huwa promoss mill-Kummissjoni Ewropea u implimentat mill-fondazzjoni Finnova b'kooperazzjoni ma' Startup Europe. Dan għandu l-għan li jidentifika eżempji ta' ispirazzjoni li jistgħu jgħinu fl-iżvilupp tal-intraprenditorija għewwa l-Ewropa. Bħall-parti l-kbira tal-ħidma tal-KESE, jiffoka fuq l-identifikazzjoni ta' mudelli tat-tkabbir sostenibbli u strategġiji ta' investment sabiex jinħolqu l-impjegji, kif ukoll mezz biex l-UE ssir ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva.(mre)

### Il-Viċi President tal-KESE, Lobo Xavier, u l-Kummissarju, Malmström, jawguraw il-vjaġġ it-tajjeb lill-parteċipanti tal-5 edizzjoni tat-tour taċ-Ċiklisti Ekoloġiċi tal-UE (EU Green Bikers)



Il-Kummissarju Malmström u l-Viċi President tal-KESE Lobo Xavier mal-EU Green Bikers barra l-bini Berlaymont

Fil-31 ta' Mejju, il-Viċi President tal-KESE Gonçalo Lobo Xavier, u l-Kummissarju Ewropew għall-Kummerċ, Cecilia Malmström, akkumpanjaw lill-EU Green Bikers (iċ-Ċiklisti Ekoloġiċi tal-UE) billi saqu r-rota magħhom għall-ewwel kilometru tal-vjaġġ annwali tagħhom bir-rota, li dis-sena ser jeħodhom f'Essen, il-Ġermanja.

Wara li telqu mill-bini Berlaymont, huma skortaw lit-8 ċiklisti sal-mina ta' Cinquantenaire u xtaqulhom suċċess għall-ħames vjaġġ annwali bir-rota lejn "Belt Kapitali Ekoloġika tal-UE". Il-grupp iżur il-bliet kapitali tal-UE li jwettqu inizjattivi speċjali biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali bħalma huma l-infrastruttura ekoloġika, biex juru

li din hija waħda mill-prioritajiet ewlenin tal-UE. Huma jippromovu l-isforzi ta' kull belt kapitali billi jaslu għaliha permezz tal-aktar mezz ta' trasport sostenibbli u tajjeb għall-ambjent – ir-rota.

Dan il-vjaġġ bir-rota tal-EU Green Bikers għandu l-għan li jilħaq Essen sat-2 ta' Ġunju u qiegħed jippjana li jasal lura Brussell fl-4 ta' Ġunju – vjaġġ ta' kważi 600 kilometru b'kollox. Din is-sena, iċ-ċiklisti tal-EU Green Bikers għandhom 7 nazzjonalitajiet differenti u jinkludu 5 rġiel u 3 nisa. Il-vjaġġi preċedenti tagħhom ħaduhom Nantes (2013), Kopenhagen (2014), Bristol (2015) u Ljubljana (2016).(mm)

Il-KESE Info hija disponibbli wkoll bi 23 lingwa f'verżjoni PDF mis-sit tal-internet tal-Kumitat: <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.eesc-info>

Il-KESE Info tiġi ppubblikata disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE.

Il-verżjonijiet stampati tal-KESE Info bil-Ġermaniż, l-Ingliż u l-Franċiż jistgħu jinkisbu b'xejn mis-servizz tal-Istampa tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Il-KESE Info hija disponibbli wkoll bi 23 lingwa f'verżjoni PDF mis-sit tal-internet tal-Kumitat:

URL: <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.eesc-info>

Il-KESE Info ma tistax titqies bħala r-rapport uffiċjali tal-ħidmiet tal-KESE; għal dawn, jekk jogħġbok irreferi għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew għal pubblikazzjonijiet oħrajn tal-Kumitat.

Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk KESE Info titniżżel bħala s-sors u tintbagħat kopja lill-editur.

Numru ta' kopji stampati: 6500 kopja.

Ħarġa li jmiss: Settembru 2017

STAMPATA FUQ KARTA RIĊIKLATA 100 %

Lulju 2017 / 7



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet